MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 249/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Paul Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 95166 M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn il-31 ta' Dicembru 2011 u t-28 ta' Jannar 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Marcelle Triganza u/jew lil uliedu, s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ordnat ukoll lill-appellant ihallas is-somma ta’ erba` mitt Ewro (€400) fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 24 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f’kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha esklussivament fuq ix-xhieda li ngiebet mill-prosekuzzjoni, liema xhieda, hija kontradittorja u inkonsistenti fiha nnifisha u li tmur ferm oltre mix-xhieda moghtija mill-appellant u t-tifla tieghu bil-gurament.

Illi dan qieghed jinghad b’mod partikolari b’referenza ghax-xhieda moghtija permezz ta’ l-affidavit ta’ PS 56 JC Grech, li hija kontradittorja fiha nnifisha stante li fl-imsemmi affidavit, u fl-istess sentenza gie mistqarr illi
*“Jiena kellimt lil Paul Sciberras fejn qalli li hu kien imposta l-manteniment ta’ bejn il-31 ta’ Dicembru 2011 u s-7 ta’ Jannar 2012 fil-kaxxa postali ta’ Marcelle, u li hu ma hallasx il-manteniment ghar-raguni li l-istess Marcelle*

*allegatament halliet it-tifla taghhom maghluqa barra meta harget".*

Illi l-appellant jistaqsi kif jista` qatt xi hadd ihallas il-manteniment u ma jhallasx fl-istess hin?

Illi b'zieda ma' dan, il-fatt illi l-istess pS 56 JC Grech fix-xhieda tieghu teleaq mill-fatt illi l-appellant stqarr mieghu li imposta l-manteniment fil-kaxxa postali, dan certament juri kemm allura huwa minnu illi l-appellant onora l-obbligu li jinkombi fuqu.

2. Illi fit-tieni lok, u hekk kif xehed l-appellant bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, f'Jannar 2012 huwa hallas lill-martu bi flus kontanti kif ghamel dejjem, u dwar liema metodu ta' hlas qatt u qatt ma kien hemm problemi.

Illi dan il-fatt gie anke korroborat mit-tifla ta' l-appellant, li tat il-verzjoni tal-fatti taghha bil-gurament ukoll, fejn hi min-naha taghha ikkonfermat illi missierha effettivament ghamel tali hlas u kienet hija stess li ghaddiet il-flus lill-ommha, liema verzjoni tahti affidament lil verzjoni moghtija mill-appellant izda li ma nghatatx il-piz misthoqq mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi dan kollu certament johloq konfliggenza fil-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u mid-difiza fil-kawza odjerna, liema verzjonijiet joholqu dubju serju u ghaldaqstant ghandu japplika l-principju ta' *in dubio pro reo*, liema principju jistipula illi f'kaz ta' ezistenza ta' dubju serju, dan ghandu dejjem imur favur l-akkuzat.

3. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria :
*"... che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso ....".*

L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Matul is-seduta ta’ llum il-prosekuzzjoni gibdet l-attenzjoni tal-Qorti li l-hlas dovut sar kollu kif jidher min-nota pprezentata fil-process.

Il-Qorti, qed tilqa` dik il-parti tal-appell rigwardanti l-piena biss.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Paul Sciberras’ moghtija fid-9 ta’ Mejju, 2012 billi waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni maghmula kontrih u fejn illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmilx ebda reat fi zmien xahar qed tirrevokaha f’dik il-parti fejn kien hemm il-kundizzjoni li l-imputat ghandu jhallas €400 fi zmien xahar galadarba dan il-hlas diga` sehh.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------